**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **18 TA' ĠUNJU 2017**

**L-Ewwel Tqarbina**

Għada / Ilum il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2017 fl-10:00am issir it-tielet ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddies tad-9:15am u tal-11:30am isiru fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin. Nawguraw lit-tfal kollha li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna u nkomplu nitolbu għalihom u għall-familji tagħhom.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Velja ta' talb lejliet il-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

Il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017 lejliet il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fis-6:30pm ikollna l-quddiesa u wara ninġabru għal siegħa adorazzjoni bejn is-7:00pm u t-8:00pm li fiha nitolbu b'mod speċjali għall-familji u għall-parroċċa tagħna. **Ilkoll mistiedna biex nitolbu flimkien quddiem Ġesù Ewkaristija.**

**Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

Il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017 niċċelebraw il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.
Fl-4:30pm jibda ħin ta' adorazzjoni fis-skiet quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:30pm quddiesa mmexxija minn Fr Luke Cutajar u wara purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija bis-sehem tat-tfal tal-Preċett li tgħaddi minn dawn it-toroq; Pjazza Dun Tarċis, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis u Triq Dun Frans Bianco. Inħeġġukom sabiex nattendu u nżejnu t-toroq minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni bi twapet, qsari u fjuri. Infakkrukom li din hija purċissjoni ta' fidi, li fiha nitolbu u nesprimu l-ferħ tal-fidi tagħna billi nagħtu qima pubblika lil Ġesù Ewkaristija.

**Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm**

Is-Sibt 24 ta' Ġunju 2017 bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm mill-Parroċċa tagħna u sitt żgħażagħ oħra, wara l-quddiesa tat-8:00pm ser ikollna siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**It-Tnejn 26 ta' Ġunju 2017 – Jum l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm u sħabu.**

Wara l-quddiesa tas-7:00am nirringrazzjaw lil Alla għad-don tas-saċerdozju billi nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:30pm flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu mas-seba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati djakni fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fil-5:00pm.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 25 ta' Ġunju 2017 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

***BBQ* fuq iz-Zuntier**

Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017, huwa xahar eżatt qabel il-festa ta' Sant'Anna, għalhekk ser norganizzaw *BBQ* fuq iz-zuntier tal-knisja u li fih ser nixegħlu għall-ewwel darba l-ġenb tal-knisja bil-bozoz *LEDs*. Nibdew fis-7:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet Maltin mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Lill-Edukaturi u lil Ex-Għalliema**

Is-Sibt 1 ta' Lulju 2017 ser norganizzaw mument ta' talb għall-edukaturi li jinkludu għalliema, LSA's, katekisti u kull min jagħti servizz ta' tagħlim lit-tfal u ex-għalliema. Għal din l-okkazzjoni ser ikollna r-relikwa tal-Beatu Malti Nazju Falzon li huwa protettur tal-katekisti u l-edukaturi Maltin. Inħeġġukom sabiex tattendu u jekk jogħġobkom wara l-quddiesa idħlu fis-sagristija biex tħallu d-dettalji tagħkom ħalli nkun nistgħu nibatulkom l-informazzjoni sħiħa. Grazzi ħafna.

***Coffee Morning***

It-Tnejn 10 ta' Lulju 2017 fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Snooker Tournament fis-Sala San Ġwakkin**

Matul il-jiem tas-Sajf qed jiġu organizzati Snooker Tournaments fis-Sala San Ġwakkin għall-adolexxenti bejn it-12 u s-17-il sena. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw jiktbu isimhom fis-Sagristija.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2017**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.